14 ta' Awissu 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Emmanuele Aquilina

**Kunserva tat-Tadam — Kampjun — Prova — Bwona Fede — Reat Uniku — Kontravvenzjoni — Analisi — Art. 25 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 10 tal-Kap. 54 (Ordinanza III tal-1904) — Reg. 7(1) tal-Government Notice 386/1955 — "Supply and Services Act, 1947"**

*In-nuqqas tal-formalitajiet preskritti mill-liġi meta jittieħed kampjun ta' oġġett tal-ikel jew xorb biex jiġi analizzat mid-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa ma jwassalx għall-konsegwenza li l-prova fuq l-oġġett li jkun u fuq l-analisi tal-kontenut tiegħu ssir inammissibbli fil-każ ta' proċediment kriminali kontra xi persuna responsabbli; għaliex ebda nullità ma hi komminata mill-liġi, la espressament u lanqas implicitament, minħabba n-natura tal-affarijiet; kif il-korp tar-reat mhux inammissibbli bħala prova għax ma jkunx ġie akkwistat bil-proċedura tal-liġi, fin-nuqqas ta' dispost tal-istess liġi f'dan is-sens. Difett f'dik il-proċedura ma jwassalx, per sè, għall-inammissibilità tal-prova, imma jista' jkollu l-importanza tiegħu fil-valutazzjoni tal-istess prova u fuq il-fatt in kwistjoni.*

*Din l-importanza, mbghad, ikun tiddependi mhux minn sempliċi possibilitajiet astratti, imma miċ-ċirkustanzi konkreti ta' kull każ, u proporzjonatament għall-grad tad-difett u għall-preġudizzju difensjonali li fil-fatt ikun ikkaġuna lill-imputat.*

*B'dan kollu, kull eżekutur tal-liġi għandu dover strettissimu li josservaha f'kull virgola tagħha, u ma jistgħax jarbitra kif jidhirlu.*

*L-obbjezzjoni li l-analitiku tal-Gvern ma għamelx l-analisi hu personalment ma tiswa xejn, jekk l-analitiku jkun ikkonduċa mal-assistenti tiegħu u kontinwament ikkontrolla l-istadji kollha tal-analisi.*

*L-imputat, li hu akkużat li ħadem u biegħ kunserva tat-tadam ta' konċentrazzjoni aktar baxxa milli għandha tkun, ma jistgħax jinvoka l-bwona fede tiegħu billi jallega li hu kellu miegħu mpjegata persuna speċjalizzata fil-fabbrikazzjoni tal-kunserva tat-tadam; għax dawn iż-żewġ imputazzjonijiet jikkostitwixxu kontravenzjoni, fejn l-element psikiku jikkonsisti fil-volontarjetà tal-fatt fih innifsu, mingħajr il-bżonn li ssir riċerka dwar l-intenzjoni doluża tal-imputat; u hekk hu biżżejjed li hu ikun aġixxa kolpożament. Liema element psikiku jista' jiġi eliminat jekk l-imputat iġib provi li jeskludu l-volontarjetà tal-fatt. U dan apparti milli hu jibqa' responsabbli tal-kontravvenzjoni tal-volta magħmula mis-subordinati tiegħu, billi hu kellu d-dover li jġiegħlhom josservaw il-liġi, u seta' b'diliġenza jimpedixxi l-ksur tagħha, speċjalment jekk hu kien intiż fil-proċess tal-fabbrikazzjoni tal-kunserva tat-tadam.*

*Imma l-fatt li dak l-imputat biegħ dik il-kunserva tat-tadam jassorbixxi l-fatt tal-bejgħ bi ħsara tax-xerrej, ta' oġġett tal-ikel mhux tax-xorta u kwalità mitluba mix-xerrej; u għahekk iż-żewġ vjolazzjonijiet jikkostitwixxu reat wieħed.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni kontra Francis Aquilina u Emmanuele Aquilina illi, bħala fabbrikanti tal-kunserva tat-tadam, għamlu u biegħu kunserva tat-tadam ta' konċentrazzjoni aktar baxxa minn 28 fil-mija mingħajr ma jiġi kunsidrat il-melħ jew zokkor miżjud, u illi biegħu, u żammew għall-bejgħ bi ħsara tax-xerrej ħwejjeġ tal-ikel — kunserva tat-tadam — li ma kienitx tax-xorta, sustanza u kwalità tal-oġġett mitlub mix-xerrej;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-8 ta' Lulju 1957, li biha ġie dikjarat eżawrit il-proċediment kontra Francis Aquilina, ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-

imputat Emmanuele Aquilina illi l-kampjun tal-kunserva fil-kawża ma ġiex meħud kif trid il-liġi, u l-istess Emmanuele Aquilina ġie liberat;

Rat ir-rikors tal-Avukat tal-Kuruna Anzjan, li bih appella minn dik is-sentenza fir-rigward ta' Emmanuele u fl-istess rigward talab li tiġi revokata, u li dana l-imputat jiġi dikjarat ħati skond l-imputazzjoni u kundannat skond il-liġi;

Rat id-deċiżjoni tagħha tad-29 ta' Lulju, 1957, li biha dil-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-appellat illi f'dal- każ ma tirrikorri ebda waħda mill-ipotesi kontemplati fil-paragrafu (iv) tal-artikolu 425(1)(b) tal-Proċedura Kriminali u li l-paragrafu (vi) ta' l-istess artikolu ma jikkonċedix appell lill-Prosekuzzjoni meta l-imputat ikun ġie liberat fuq apprezzament ta' provi, u li biha ġie ordnat li l-kawża titkompla fuq il-gravam tal-appellant in bażi tal-artikolu 425(1)(b)(vi) tal-proċedura kriminali;

Eżaminat l-atti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi biex jingħata appell lill-Attorney-General fit-termini tal-artikolu 425(1)(b)(vi) tal-Proċedura huwa neċessarju li fil-kawża l-Pulizija tkun ġiet impedita li ġġib xi prova indispensabbli biex issaħħaħ l-imputazzjoni, li skond il-liġi setgħat tinġieb;

Illi, kif jirriżulta mis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-imputat billi rriteniet li, darba li l-formalitajiet preskritti mill-liġi għat-teħid ta' kampjun ma ġewx osservati, il-prova li l-Pulizija riedet tagħmel bil-bott tal-kunserva involut fil-kawża u bid-depożizzjoni tal-ana-

lista Professur Farrugia fuq ir-riżultat tal-analisi tal-kontenut tiegħu saret inammissibbli;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel imputazzjoni hija bażata fuq l-artikolu 7(1) tar-regolamenti maħruġa bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 386 tal-25 ta' Lulju, 1955, taħt is-Supplies and Services Act, 1947, u t-tieni fuq l-artikolu 10 tal-Kap. 54, The Food, Drugs and Drinking Water Ordinance (Ordinance III of 1904), liema artikolu jikkontempla biss, però, l-ipotesi tal-bejgħ;

Illi fil-kors ta' dan l-appell, bl-artikolu 24 tar-regolamenti maħruġa bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 424 tat-12 ta' Lulju 1957, ir-Regolamenti fuq imsemmija ġew revokati u sostitwiti. Iżda, skond l-istess artikolu 24, ir-revoka saret "without prejudice however to anything done or omitted to be done thereunder". Dina r-riżerva hija ta' l-istess portata ġuridika ta' dik tal-artikolu 11(3) ta' "The Emergency Powers (Defence) Act, 1939" tal-Parlament Britanniku bil-kliem "The expiry of this Act shall not affect the operation thereof as respects things previously done or omitted to be done". Il-frażi "without prejudice" għandha relativament għar-revoka l-istess effett ġuridiku tal-oħra "shall not affect the operation thereof" relativament għall-"expiry". Għalhekk, għal kull ħaġa "done or omitted to be done" taħt l-ewwel regolamenti, l-istess regolamenti għad-hom iseħħu; għax f'dan ir-rigward ma ġewx revokati. Il-frażi, imbagħad, "anything done or omitted to be done", tikkomprendi kull reat kommess taħt l-istess Regolamenti, sew per mezz ta' azzjoni sew per mezz ta' ommissjoni, salvi dejjem, kieku kien il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28 tal-Kodiċi Kriminali. Hekk, fil-kawża Wicks v. Director of Public Prosecutions, definita mil-House of Lords fit-12 ta' Diċembru 1946, fejn il-kwistjoni kienet fuq l-effetti ġuridiċi tal-imsemmi artikolu 11(3), ġie deċiż illi "Giving the

words of s. 11(3) their natural meaning, it was clear that Parliament did not intend the subsection to expire with the rest of the Act and that its presence in the Act preserved the right to prosecute after the date of expiry", u illi "When a statute enables an authority to make regulations, a regulation which is validly made under the Act, i.e., which is intra vires of the regulation-making authority, should be regarded as though it were itself an enactment" (A.E. Law Reports, 1947, Vol. 1, page 205);

Ikkunsidrat;

Fuq il-kwistjoni tal-ammissibilità tal-prova;

Illi l-artikolu 9 (3) tar-Regolamenti tal-1955 u l-artikolu 171 tal-Kap. 54 jippreskrivu li meta, mill-persuni hemm indikati, jittieħed kampjun għall-eżami jew analisi, dana għandu jiġi siġillat u ffirmat minn min jakkwistah u mingħand min ikun ġie akkwistat; alternativament, jekk dan ta' l-aħħar ikun irid, il-kampjun għandu jiġi maqsum f'żewġ partijiet, kull parti tiġi siġillata u ffirmata *kif intqal*, u parti tinżamm minn wieħed u parti mill-ieħor; jekk mingħand min jittieħed il-kampjun ma jkunx irid jew jista' jiffirma, tkun biżżejjed il-firma tal-persuna l-oħra;

Illi l-ewwel Qorti stabbiliet hekk il-fatt — li l-appellant u l-appellat ma kkontestawx (verbal 29 ta' Lulju 1957): "Illi mill-provi rriżulta illi, fl-14 ta' Mejju 1957, P.C. 291 G. Agius, fuq ordni tas-superjuri tiegħu, mar fil-ħanut tal-*grocer Paul Brincat u xtara bott kunserva tat-tadam (Dok. A)*. Dan il-bott, ossija landa żgħira, kien magħluq; il-kuntistabbli ma għarraf xejn lil Brincat għalfejn kien qiegħed jixtrih, u wara li ħareġ mill-ħanut għamel il-firma tiegħu fuq il-bott, u permezz ta' P.C. 696 Abela bagħtu d-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa fejn ġie eżaminat mill-analitiku Professur Philip Farrugia. Il-Professur Farrugia, għalhemm ma qagħadx jagħti każ tal-firma, assigura illi l-bott eżibit u minnhu eżaminat huwa l-istess wieħed li ġieblu P.C.

Abela. Il-bott huwa tal-marka "Ajkla" tat-tip reċentement maħruġ fuq is-suq, u huwa prodott mill-fabbrika tal-imputati. Brincat (proprjetarju tad-ditta "George Rapa") kien xtrah mingħand il-"wholesaler" Domenico DeBrincat, u dan mingħand l-imputati skond kif jidher ukoll mill-fatturi eżibiti";

Illi r-raġunijiet addotti mill-ewwel Qorti huma illi l-liġi pprekriviet garanziji biex ma jkun hemm ebda dubju illi l-kampjun analizzat ma jkunx l-istess li ttieħed mill-uffiċjal inkarigat, in vista tal-konsegwenzi serji li jistgħu jinqalgħu għall-bejjiegħ, li ma jistax ikun preżenti għall-analisi; illi din hija proċedura speċjali billi l-kampjun ma jiġix l-ewwel eżibit il-Qorti u imbagħad rimess għall-analisi, u li, meta jiġi mitlub biex jiffirma l-kampjun, il-bejjiegħ jiġi b'xi mod avżat li jista' jiġi proċessat; u anzi il-liġi tagħtieh, bħala mezz ieħor ta' difiża u ta' tutela tad-drittijiet tiegħu, il-fakoltà li jitlob id-diviżjoni tal-kampjun; illi għalhekk din ma hijiex kwistjoni ta' prova tal-identità tal-oġġett elevat, imma ta' kawtela u garanzija li ebda ċittadin ma jista' jiġi privat minnhom; illi f'dan il-każ il-grocer Brincat kien assolutament injar ta' dak li kien qed isir, u kwindi l-imputat indirettament ġie privat mid-drittijiet illi l-liġi ttieh a difiża tiegħu; illi l-liġi ma tagħmel ebda eżenzjoni għal dawn il-formalitajiet ħlief fil-każ ta' persuna li ma tridx jew ma tistax tiffirma, u kwindi fi kwalunkwe każ ieħor il-firma (oltri s-siġill) ma tistax tiġi dispensata; illi, għalkemm dan il-pont ma jidherx li ġie formalment deċiż min dawn il-Qrati, però l-osservazzjonijiet tal-Qorti fl-appell kriminali tat-2 ta' April 1948 "Il-Pulizija v. J.M. Tabone" juru li l-Qorti kienet tal-fehma illi s-siġill u l-firma huma meħtieġa; illi, għalkemm il-kampjun ittieħed mingħand ir-"retailer" u mhux mingħand l-imputat, il-pożizzjoni tibqa' l-istess, u l-Qorti ma hijiex tirritjeni li kien hemm bżonn il-firma tal-imputat; illi, infatti, ġie deċiż mill-Qrati Ingliżi fil-kawża Twynham vs. Badcock, 1932, li "when these formalities have been complied with in proceedings against the retailer, there is no necessity to repeat them in proceedings against

the original seller;" illi l-kampjun setgħa ttieħed bil-prekawzjonijiet li tippreskrivi l-liġi minn xi ħadd tal-laboratorju skond id-dettami tax-xjenza; u illi d-deċiżjonijiet riferiti mill-Prosekuzzjoni fuq ir-"repert" ma japplikawx għal dal-każ;

Ikkunsidrat;

Illi l-kawża l-Pulizija v. Tabone, ċitata mill-ewwel Qorti, kienet tirrigwarda ħalib imħaffef bl-ilma. Din il-Qorti kienet qalet: "Għall-obbjezzjoni illi ma jistax jingħad li ma kienx hemm "added water", la darba fil-fatt instab ilma fil-kampjun, id-difiża tirrispondi illi ma hux pruvat li l-kampjun, li kellu fih ilma miżjud, kien dak tal-ħalib fornit mill-appellant. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi, raġonevolment interpretati, jistgħu jfissru biss li l-imputat għandu l-jedd li jkun preżenti meta jiġi siġillat il-kampjun, u, jekk dana jiġi meħud u siġillat bla ma tkun ingħatat lilu l-opportunità li jkun preżenti, allura jkun hemm difett fil-proċeduri." Kif jidher, f'dik il-kawża l-kwistjoni kienet fuq l-identità tal-kampjun, u l-Qorti ma ppronunzjatx ruħha, għax ma kienx hemm għalfejn, fuq il-konsegwenzi tad-difetti fil-proċeduri dwar l-ammissibilità tal-prova;

Għar-rigward, imbagħad, tal-kawża Twynham v. Badcock, l-ewwel kien ġie proċessat il-bejjiegħ li minn għandu kien ittieħed kampjun, u wara ġie proċessat il-bejjiegħ oriġinali, Badcock, u d-deċiżjoni kienet fis-sens riferit mill-Ewwel Qorti. Iżda intqal ukoll mill-Imħallef Avory, "...... it is obvious that art. 6 of the Regulations (rigward il-proċedura tal-kampjun) only applies when it is proposed to take a sample of articles which are upon premises where those articles are prepared, packed, labelled or stored; in other words, where it is proposed to take a sample of an article at a place where the article is actually made or wared or housed. It cannot, therefore, have any application to a case where proceedings are merely taken under article 7 of the Regulations (procediment kontra bejjiegħ preċeden-

ti); and if, as I think, the magistrate must be taken to have held that s. 18 of the Act of 1928 must be complied with, *it seems to be clear, upon looking at s. 18, that the present* is not a case within s. 18 at all. It is not a case of a person purchasing an article with the intention of submitting it to analysis. It is a case where an article has already been purchased with the intention of submitting it to analysis, and under s. 7 of the Regulations it is proposed to take proceedings against a previous seller of that article". (Law Report, 1932 K.B., Vol. 2, p. 561);

*Illi, għalkemm il-ġurisprudenza tal-Qrati Ingliżi f'din* il-materja tista' tgħin fl-applikazzjoni tal-liġi in kwistjoni, modellata f'diversi dispożizzjonijiet fuq The Sale of Food and Drugs Acts, f'dak però li jirrigwarda ammissibilità ta' prova għandhom jipprevalixxu r-regoli adoperati minn dawn il-Qrati. Il-kwistjoni fuq l-ammissibilità ta' prova hija diversa minn dik tal-forza tagħha. Hekk fil-kawża R. v. Siġismondo Savona (Vol. Decr. 1904, p. 104) il-Qorti qalet: "Altro è ricercare se un mezzo di prova offerto dall'accusa e *dalla difesa abbia le condizioni richieste* dalla legge per essere ricevuto in giudizio, ed altro ricercare se un mezzo di prova permesso dalla legge abbia le condizioni di ragione per essere considerato concludente rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. La prima è veramente una quistione di inammissibilità di prova. La seconda non è propriamente se non una quistione di importanza o di rilevanza della prova";

Illi, skond dak li rriżulta lill-Ewwel Qorti, meta l-uffiċjal inkarigat mis-superjuri tiegħu xtara il-bott tal-kunserva mingħand il-grocer Brincat, dana ma kienx jaf għal fejn qed jixtrieħ, u dak l-uffiċjal meta ħareġ mill-ħanut għamel biss il-firma tiegħu fuq il-bott;

Illi anki jekk l-espressjoni "issiġillat" użata mill-liġi tittieħed fis-sinifikat letterali tagħha, u b'dal-mod anki landa magħluqa kif ħarġet mill-fabbrika tkun trid tiġi komple-

*mentata b'siġill, jibqa' dejjem illi n-nuqqas tal-formalità* indikata fil-liġi ma twassalx għal konsegwenza li l-prova fuq l-oġġett li jkun u fuq l-analisi tal-kontenut tiegħu issir inammissibili fil-każ ta' proċediment *kriminali kontra* xi persuna responsabbli; għaliex ebda nullità ma hi kommi-nata mill-liġi, la espressament u lanqas impliċitament, min-ħabba fin-natura tal-affarijiet. F'dan il-każ il-bott tal-kun-serva kellu jikkostitwixxi skond il-prosekuzzjoni l-korp tar-reat, u d-depożizzjoni tal-Professur Farrugia l-prova tal-kontenut tiegħu relativament għaż-żewġ imputazzjonijiet. Fuq il-prinċipju ġenerali "probationes non sunt coartan-dae", *korp ta' reat ma jsirx inammissibbli bħala* prova għax ma jkunx ġie akkwistat bil-proċedura tal-liġi, fin-nuqqas ta' dispost tal-liġi f'dan is-sens. Huwa veru li meta uffiċjal jit-lob lix-xerrej biex *jiffirma l-oġġett, ix-xerrej isir jaf li jista'* jiġi proċessat u jkun jista' allura jissalvagwarda l-interessi tiegħu bit-taqsim tal-oġġett, u hu anki veru li din il-pro-ċedura tista' tkun utili għall-produttur jew bejjiegħ preċe-denti f'każ ta' proċediment kontra tagħhom. Difett, però, f'dik il-proċedura ma jwassalx per sè għall-inammissibilità tal-prova, imma jista' jkollu l-importanza tiegħu fil-valu-*tazzjoni ta'* l-istess prova u fuq il-fatt in kwistjoni. Dina l-importanza, imbagħad, tkun tiddependi mhux minn sem-pliċi possibilitajiet astratti, imma miċ-ċirkustanzi konkreti ta' kull każ, u proporzjonatament għall-grad tad-difett u għall-preġudizzju defensjonali li fil-fatt dak id-difett ikun ikkaġuna lill-imputat. Din il-Qorti tfakkar, però, f'dan il-kontest lil kull eżekutur tal-liġi fid-dover strettissimu tiegħu li josservaha f'kull virgola tagħha, u mhux li jarbitra kif jidhirlu;

Illi, għalhekk, l-Ewwel Qorti erroneament ċaħdet lill-*Prosekuzzjoni* l-prova fuq l-oġġett akkwistat u l-analisi tiegħu;

Illi jidher, mill-istess fatti esposti fis-sentenza u mid-dispożitiv tagħha, illi dik il-prova kienet anki indispensab-bli biex jissaħħaħ l-imputazzjonijiet. L-apprezzament, imba-

għad, li dik il-Qorti għamlet tal-fatti li rriżultawlha sar mingħajr dik il-prova li l-liġi ma riedits teskludi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrevoka s-sentenza appellata fir-rigward tal-appellat Emmanuele Aquilina u tammetti l-prova tal-Prosekuzzjoni konsistenti fil-produzzjoni tal-landa tal-kunserva u fid-depożizzjoni tal-analitiku Professur Philip Farrugia fuq ir-riżultat tal-analisi tal-istess landa, salvi d-drittijiet tal-appellat għall-provi tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi l-każ preżenti jikkostitwixxi appell fuq il-meritu, u għalhekk, it-termini tal-artikolu 440 (5) tal-Proċedura Kriminali, din il-Qorti għandha tiddeċidi hija fuq l-istess meritu;

Semgħat il-provi, fosthom id-depożizzjoni tal-appellat;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fl-14 ta' Mejju 1957 l-uffiċjal P.C. Agius xtara magħluqa landa kunserva tat-tadam (Dok. A) mingħand Pawlu Brincat, li kien xtraha mingħand il-"wholesaler" Domenico DeBrincat, u dana mingħand l-imputat bħala fabbrikant tal-kunserva tat-tadam. Agius, bla ma qal lil Brincat għalfejn xtraha, meta ħareġ mill-ħanut iffirma fuq il-landa, u per mezz ta' P.C. Abela bagħtha d-dipartiment Mediku u tas-Saħħa għall-analisi;

Illi rriżulta mid-depożizzjoni tal-Professur Farrugia li l-istess landa kienet tikkontjeni kunserva tat-tadam ta' materjal tajjeb ħafna, imma ta' konċentrazzjoni ta' solidi tat-tadam ta' 25.5 fil-mija biss, mingħajr konsiderazzjoni taz-

zokkor jew melħ. Id-difiża obbjettat illi l-Professur Farrugia ma għamilx it-test hu personalment. Iżda l-Professur Farrugia xehed li hu kkonduċa ma' l-assistenti tiegħu u kontinwament ikkontrolla l-istadji kollha tal-analisi. Barra minn hekk, kif ġie deċiż mil Queen's Bench fil-kawża Bakewell v. Davis (Hailsham, Laws of England Vol. 15, p. 141, (d) "A public analyst need not conduct all the operations of analysis personally; some of the work may be done by an assistant under his supervision". Ġie obbjettat ukoll li d-diċitura tar-regolament 7 (1) "a degree of concentration lower than 28% ma tagħmilx sens. Is-sens, però, ta' dawk il-kliem huwa preċiżament li l-kunserva jkollha konċentrazzjoni ta' solidi tat-tadam, għax hi kunserva tat-tadam, ta' mhux inqas min 28%, mingħajr ma jiġi meqjus iz-zokkor jew melħ talvolta miżjud. L-appellat offra bħala xhud lil kimiku Roland Savage; u dil-Qorti, biex tagħti lill-appellat kull opportunità ta' difiża, innominat lix-xhud bħala espert biex ikun jista' jagħti opinjoni fuq ir-riżultat tal-analisi, skond l-artikolu 174 (3) tal-Kap. 54. Dana qal li, bħala metodu, kieku hu kien jirripeti t-test għar-raġunijiet ta' kontroll. Kompla jgħid, però, li l-possibilità xjentifika ta' żball meta jsir test wieħed hija remota. Il-Professur Farrugia, li għandu esperjenza ta' snin f'analisi ta' dix-xorta, assigura *ripetutament li r-riżultat tiegħu kien korrett. Ġie anki* obbjettat li dak li jissejjaħ "even test" ġie kondott b'temperatura ta' 100 grad centigrade, flok 75, u li hekk is-solidi tat-tadam setgħu jiddekomponu ruħhom malajr. Il-Professur Farrugia irrisponda li dak il-grad ta' temperatura kien meħtieġ għall-eliminazzjoni tal-"moisture" u tpatta permezz *ta' stadji oħra tal-analisi. Il-Qorti tosserva, f'dan il-kontest* ta' obbjezzjonijiet astratti, illi l-appellat stess xehed li filfabbrika tiegħu l-kunserva tiġi maħduma u kontrollata għall-konċentrazzjoni kull tant minnhu u kull tant millimpjegat tiegħu speċjalizzat għal dax-xogħol. Iżda, għalkemm kellu l-opportunità kollha, l-appellat lanqas ipproduċa bħala *xhud lil dana l-impjegat. Għalhekk, irriżultat* tal-analitiku Professur Farrugia ma jistgħax jitwarrab; u l-Qorti taċċettah;

Illi l-landa eżibita għandha fuqha tikketta "doppio concentrato", u skond ir-Regolament 7 fuq imsemmi l-kunserva għandha jkollha konċentrazzjoni ta' mhux inqas minn 28%;

Illi l-mod adoperat mill-kuntistabbli Agius meta akkwista l-landa, għalkemm difettuż, ma jnaqqasx il-forza talprovi a sostenn tal-imputazzjonijiet, u l-appellat, bħala l-fabbrikant u l-bejjiegħ oriġinali, ma ġiex preġudikat fid-difiża tiegħu. L-identità tal-oġġett analizzat ma' dak fabbrikat u mibjugħ mill-appellat, u akkwistat mill-kuntistabbli Agius, ġiet irribattibilment assodata, kif ukoll ġie assodat il-grad nieqes ta' konċentrazzjoni tal-kontenut;

Illi, subordinatament, id-difiża ssottomettiet il-bwona fede tal-appellat, fuq il-motiv li huwa għandu impjegat speċjalizzat fil-fabbrikazzjoni tal-kunserva. Iżda bil-liġi ż-żewġ imputazzjonijiet jikkostitwixxu kontravvenzjoni, u bħala regola, l-element psikiku tal-kontravvenzjoni jikkonsisti fil-volontarjetà tal-fatt fih innifsu, mingħajr il-bżonn li ssir riċerka fuq l-intenzjoni doluża tal-imputat, u hekk hu biżżejjed illi hu jkun aġixxa kolpożament. Dan l-element psikiku jista' jiġi eliminat bil-prova ta' nuqqas ta' volontarjetà, li, bħala regola, għandha tkun tali li teskludi n-nuqqas ta' kolpa jew diliġenza biex il-fatt kontravvenzjonali ma jiġrix. F'dan il-każ l-appellat ma eskludiex il-volontarjetà tal-fatt. Inoltri, taħt l-artikolu 25 tal-Kodiċi Kriminali, l-appellat jibqa' hu wkoll responsabbli tal-kontravvenzjoni talvolta magħmula mis-subordinati tiegħu, billi huwa kellu d-dmir li jġagħalhom josservaw il-liġi u seta' b'diliġenza jimpedixxi l-ksur tagħha; dana anzi kien aktar faċili għall-appellat għax, minn kliemu stess, huwa intiż fil-proċess tal-fabbrikazzjoni tal-kunserva tat-tadam;

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta li, għalkemm ġew vjolati żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi, il-fatt tal-vjolazzjoni kien wieħed fil-kon-

front tal-bejgħ ta' l-istess kunserva. Meta l-appellat biegħ il-landa tal-kunserva, bi ksur tal-artikolu 7 (1) tar-Regolamenti, huwa neċessarjament fl-istess ħin biegħ, bi ħsara tax-xerrej, oġġett tal-ikel mhux tax-xorta u kwalità mitluba mix-xerrej, bi ksur tal-artikolu 10 tal-Kap. 54; u għalhekk din l-aħħar vjolazzjoni hija assorbita fl-oħra.

Għal dawn ir-raġunijiet;

Wara li rat l-artikolu 24 tar-Regolamenti maħruġa bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 424 tat-12 ta' Lulju 1952, u l-artikoli 7 (1) u 12 (1) tar-Regolamenti maħruġa bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 386 tal-25 ta' Lulju 1955;

Tiddikjara lill-imsemmi Emmanuele Aquilina ħati li bħala fabbrikant tal-kunserva tat-tadam għamel u biegħ kunserva tat-tadam ta' grad ta' konċentrazzjoni aktar baxxa mit-28 fil-mija, mingħajr ma jiġi kunsidrat il-melħ jew zokkor miżjud;

U tikkundanna lill-istess Emmaueule Aquilina għal multa ta' għoxrin lira (£20), u hekk l-appell hu milqugħ.